REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1053

tal-25 ta' Ġunju 2021

li jħassar id-dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, imposti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2272

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

(1) Wara investigazzjoni anti-dumping skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 ([2]), fis-6 ta' Ottubru 2009, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 926/2009 ([3]), ġie impost dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Il-miżuri ħadu l-forma ta' rati ta' dazju *ad valorem*: 17,7 % għal Shandong Luxing Steel Pipe Co. Ltd.); 27,2 % għall-kumpaniji l-oħra li kkooperaw u 39,2 % għall-kumpaniji kollha l-oħra.

(2) Wara investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, fit-8 ta' Diċembru 2015, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2272, ġew imposti miżuri anti-dumping definittivi għal ħames snin oħra ([4]).

(3) Fid-29 ta' Jannar 2014, fis-sentenza tagħha tal-Kawża T-528/09, il-Qorti Ġenerali annullat ir-Regolament (KE) Nru 926/2009 sa fejn kienu kkonċernati l-esportazzjonijiet ta' prodotti prodotti minn Hubei Xinyegang Steel Co. Ltd ("Hubei") ([5]). Din is-Sentenza ġiet appellata mill-Kunsill.

(4) Permezz tas-sentenza tas-7 ta' April 2016 fil-Kawżi Konġunti C-186/14 P u C-193/14 P, il-Qorti tal-Ġustizzja (QĠUE) ikkonfermat is-sejbiet tal-Qorti Ġenerali u kkonfermat l-annullament tal-miżuri sa fejn kien ikkonċernat il-produttur esportatur Hubei ([6]).

(5) Fid-9 ta' Diċembru 2020, il-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2272 skadew ([7]).

(6) Fl-4 ta' Frar 2021, il-QĠUE ddeċidiet fil-Kawża C-324/19, dwar talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE mill-Finanzgericht Hamburg, li r-Regolament (KE) Nru 926/2009 huwa invalidu ("is-Sentenza") ([8]).

(7) Skont l-Artikolu 266 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom l-obbligu li jieħdu l-passi neċessarji sabiex jikkonformaw mas-sentenzi tal-Qorti.

(8) Fil-Kawża C-324/19, is-Sentenza kellha l-effett li tinvalida l-miżuri oriġinali *erga omnes* u *ex tunc*. Dan ifisser li s-Sentenza hija applikabbli għall-partijiet kollha u li r-Regolament (KE) Nru 926/2009 huwa meqjus invalidu mill-jum li fih daħal fis-seħħ.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 926/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldatura, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 262, 6.10.2009, p. 19).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2272 tas-7 ta' Diċembru 2015 li jimponi dazju definittiv antidumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 322, 8.12.2015, p. 21).

([5]) Is-Sentenza tad-29 ta' Jannar 2014, Hubei Xinyegang Steel vs Il-Kunsill T-528/09, ECLI:EU:T:2014:35.

([6]) Is-Sentenza tas-7 ta' April 2016, ArcelorMittal Tubular Products Ostrava a.s. U Oħrajn vs Hubei Xinyegang Steel Co. Ltd u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea vs Hubei Xinyegang Steel Co. Ltd, il-Kawżi Konġunti C-186/14 P u C-193/14 P.

([7]) ĠU C 424, 8.12.2020, p. 32.

([8]) Is-Sentenza tal-4 ta' Frar 2021, Eurocylinder systems AG vs Hauptzollamt Hamburg-Stadt, C-324/19, EU:C:2021:94.

(9) Barra minn hekk, minħabba li l-miżura oriġinali kienet ġiet estiża fl-2015, is-Sentenza kellha wkoll impatt indirett fuq ir-Regolament (UE) 2015/2272. Dan għaliex, skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE, "regolament li jtawwal huwa invalidu bl-istess mod bħar-regolament definittiv" ([9]). Barra minn hekk, il-konformità mar-regola tal-ekwivalenza tal-forma tirrikjedi li l-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2272 jenħtieġ li jitħassru permezz ta' regolament tal-Kummissjoni ([10]).

(10) Bħala riżultat tas-Sentenza li tiddikjara r-Regolament (KE) Nru 926/2009 bħala invalidu fl-intier tiegħu, jenħtieġ li d-dazji anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2272 jitħassru wkoll *ex tunc*. Barra minn hekk, kull dazju definittiv imħallas skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2272 jista' jitħallas lura jew jinħafer f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali applikabbli. Minn dan jirriżulta, b'mod partikolari, li l-operatur li ħallas dawn id-dazji jista', bħala prinċipju, jitlob ir-rimbors tagħhom biss jekk u sa fejn il-perijodu ta' tliet snin previst għal dan il-għan fl-Artikolu 121(1)(a) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([11]) ma jkunx skada. Il-fatt li r-Regolament (KE) Nru 926/2009 ġie ddikjarat invalidu (inkluż b'effett *erga omnes*) ma jirrappreżentax ċirkostanza imprevedibbli jew *force majeure* li tippermetti estensjoni ta' dan il-perjodu skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 121(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([12]).

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Id-dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, imposti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2272, jitħassru mid-9 ta' Diċembru 2015.

2. Kull dazju definittiv imħallas skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2272 għandu jitħallas lura jew jinħafer skont il-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([9]) Is-Sentenza tal-4 ta' Frar 2016, C & J Clark International Ltd vs The Commissioners for Her Majesty' s Revenue & Customs and Puma SE vs Hauptzollamt Nürnberg, il-Kawżi Konġunti C-659/13 u C-34/14, EU:C: 2016:74, il-paragrafi 175 sa 177.

([10]) Is-Sentenza tat-18 ta' Ottubru 2018, ArcelorMittal Tubular Products Ostrava a.s. u Oħrajn vs il-Kummissjoni Ewropea, T-364/16, EU:T:2018:696.

([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([12]) Ara, b'mod partikolari s-Sentenza tal-4 ta' Frar 2016 f'C & J Clark International Ltd vs The Commissioners for Her Majesty's Revenue & Customs and Puma SE vs Hauptzollamt Nürnberg, il-Kawżi Konġunti C-659/13 u C-34/14, EU:C:2016:74, il-paragrafi 186–194; is-Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2012, Compagnie internationale pour la vente à distance (CIVAD) SA vs Receveur des douanes de Roubaix u Oħrajn, C-533/10, EU:C:2012:347, il-paragrafi 16–35; u s-Sentenza tat-18 ta' Jannar 2017, Wortmann KG Internationale Schuhproduktionen vs Hauptzollamt Bielefeld, C-365/15, EU:C:2017:19, il-paragrafu 34.